# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Dicembru 2019**

**Rikors Numru : 281/2019 JPG**

**Kawza Numru : 4**

**JP**
**U**
**TP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt ta' JP u TP datat 17 ta' Gunju 2019, a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti żżewġu nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) ġewwa r-Reġistru Pubbliku Malti, b'dana illi ż-żwieġ odjern ġie rreġistrat bin-numru progressiv 1.*

*Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tliet itfal – Jr li twieled X, Jk li twieled Y u Jy Y twieled Z.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn ma' xulxin sa mis-sena elfejn u erbatax (2014) skond ma jirriżulta mill-att ta' separazzjoni konsenswali, ippubblikat min-Nutar Dottor Mary Grech Pace LLD nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u esebita bħala Dok A.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljament stante li minbarra l-fatt illi issa ilhom snin legalment separati minn ma' xulxin, il-partijiet għandhom ukoll ħajja totalment separata minn ma' xulxin.*

*Illi in oltre, ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward tal-ħlas tal-manteniment, la dak pagabbli versu l-mara stabbilit f'paġna tlieta (3) tal-att ta' separazzjoni u lanqas dak dovut għal bżonnijiet tal-minuri stabbilit permezz ta' klawsola numru sebgħa (7).*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistatur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dana jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat**:

Illi TP xehed illi huwa izewweġ lil JP fil- 5 ta' Novembru 2000 u minn dan iż-żwieġ twieldu tliet itfal. Iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni (Dok A, fol 3). Illi mid-data ta' dak il-kuntratt ta' separazzjoni huma qatt ma irrikonċiljaw, u ma għandhomx tama ta' rikonċiljazzjoni. Il-manteniment għat-tfal dejjem tħallas u ma hemmx arretrati tal-istess. JP xehdet (fol 16) u ikkonfermat u kkoraborat x-xhieda ta' TP.

**Ikkonsidrat**:

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Novembru tas-sena elfejn (2000);

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Dottor Mary Grech Pace datat 21 ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) (vide fol 3 et seq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi m'hemmx pendenzi rigward ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mill-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**